MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2014

Appell Kriminali Numru. 8/2013

Il-Pulizija

(Spettur Mario Tonna)

vs

**Oliver Abela**

iben Rosario, imwieled il-Belt, Valletta, fis-6 ta' Jannar, 1946, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 97246(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Oliver Abela, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar l-4 ta' Novembru, 2003, il-5 ta' Novembru, 2003 u fix-xhur ta' qabel gewwa San Giljan, Tas-Sliema u f'diversi bnadi ohra tal-Gzejjer Maltin f'hinijiet differenti ha f'idejh xi funzjoni pubblika, sew civili jew militari, minghajr jedd, u ezercita xi att ta' l-istess funzjoni meta ppersonifika ruhu bhala ufficjal tal-Pulizija u dan ai termini tal-artikoli 18 u 84 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess dati, lokalijiet hinijiet u cirkostanzi agixxa ta' 'Private Investigator' minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan ai termini tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' l-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 Tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli gewwa Triq Sant' Andrija, St. Andrew’s nhar il-5 ta’ Novembru, 2003 ghal habta ta’ 8.30 a.m. bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra il-ligi, izda biss biex jezercita jedd li ppretenda li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu nnifsu fixkel lil Patricia Pace fil-pussess ta’ hwejjigha, jew b’xi mod iehor kontra il-ligi ndahal fi hwejjigha billi ha ‘camera tar-ritratti’ propjeta' tal-kwerelanta u dan ai termini tal-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli nhar l-4 u il-5 ta’ Novembru, 2003 f’diversi hinijiet differenti gewwa it-Toroq San Ignazio, Depiro, Triq il-Kulleg L-Antik, Sliema u Triq Sant' Andrija, St. Andrew’s hebb ghal Patricia Pace mill-Gzira sabiex jingurjaha jdejjaqha jew jaghmlilha hsara u dan ai terminu tal-artikolu 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-istess dati, hinijiet u lokalitajiet taht l-istess cirkostanzi hedded lill-istess Patricia Pace mill-Gzira bi kliem u dan ai termini tal-artikol 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-istess dati, hinijiet u lokalitajiet taht l-istess cirkostanzi kiser il-bon ordni u paci pubblika b’ghajjat u glied u dan ai termini tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta’ Jannar, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l- artikoli 3 u 25(b) tal-Kapitolu 389 u l-artikoli 17, 18, 31, 85, 339(1)(d), 339(1)(e) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Sabet lill-imputat Oliver Abela hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, salv l-ewwel akkuza, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali aggornata tal-imputat, illiberat lill-istess imputat Oliver Abela taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum u inoltre kkundannat lill-imsemmi imputat Oliver Abela ghall-piena ta' tlett mitt Euro (€300) multa.

Rigward l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat Oliver Abela li tinkwadra ruhha fl-artikolu 84 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta bl-aggunt tar-reat kontinwat (artikolu

18 tal-Kodici Kriminali) tenut kont dak dikjarat minn din il-Qorti aktar qabel f'din is-sentenza rigward din l-akkuza, illiberat lill-imputat Oliver Abela minn din l-imsemmija l-ewwel akkuza stante li din l-akkuza ma gietx sufficjentement pruvata.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, rabtet lill-imputat Oliver Abela b'obbligazzjoni personali ta' disa' mitt Euro (€900) li jzomm il-kwiet ma' Patricia Pace u li jzomm il-bon ordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena mil-lum.

Rat ir-rikors tal-appellant Oliver Abela minnu pprezentat fit-18 ta' Jannar, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghogobha tirriforma s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Magistrat Dr. S. Demieoli LL.D., ta' l-10 ta' Jannar, 2013 in kwantu tikkonferma li ma sabitux hati ta' l-ewwel akkuza kif migjuba kontrih, u tirrevoka in kwantu sabitu hati ta' l-akkuzi l-ohra kif migjuba kontrih u konsegwentement tilliberah minn kull piena u htija skont il-ligi, u f'kaz li din l-Onorabbli Qorti, joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-esponenti jitlob li tigi mposta piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti naqset milli tapprezza li fil-ligi nostrana ma jezisti l-ebda artikolu jew dispost li jipprovdi dwar investigatur privat u ghalhekk qatt ma jista' jigi misjub hati li hadem bhala 'Private Investigator' minghajr licenzja tal- Kummissarju tal-Pulizija ..... ai terminu tal-Kapitolu 389;

(2) IlIi mhux minnu li l-imputat ha 'camera tar-ritratti' u kien jinkombi fuq Patricia Pace li ggib prova ta' dan;

(3) IlIi mhux minnu li l-imputat hebb ghal Patricia Pace. Il-fatt li l-imputat kellu mankament temporanju f'idu, kif jista' jigi pruvat facilment, juri bic-car li din l-akkuza qatt ma setghet tissusisti;

(4) Illi mhux minnu li l-imputat hedded lill-istess Patricia Pace;

(5) Illi mhux minnu li l-imputat kiser il-bon ordni u paci pubblika b'ghajjat u glied;

(6) Illi s-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti kienet wahda eccessiva u sproporzjonata. Konsapevoli mill-insenjament ta' Cesare Beccaria.1

" ... che il fine delle pene non e' di tormentare ed affliggere un' essere sensibile, ne di disfare un delitto gia commesso ... ,”

L-appellant jixtieq li bl-akbar umilta' jissottometti li l-piena nflitta kienet eecessiva.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda l-akkuza li hu agixxa ta' 'private investigator' minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija. In sostenn ta' dan l-aggravju l-appellant hu tal-fehma li attwalment ma tezisti ebda legislazzjoni li tkopri tali professjoni. Hu ezebixxa certifkati u emails fejn kien talab lill-awtoritajiet biex ifasslu ligi li tkopri din il-professjoni. Effettivament ma giet promulgata ebda ligi 'ad hoc' hlief ghall-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta li hu deskritt bhala l-Att numru XIII ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali. Fil-fatt, l-ewwel Qorti sabitu hati ta' din l-akkuza a bazi ta' dan il-kapitolu tal-ligijiet ta' Malta. L-appellant min-naha tieghu, hu tal-fehma li dan l-att promulgat mill-Parlament ta' Malta ma japplikax ghalih bhala 'private investigator' u ghalhekk hemm lacuna fil-ligi. Fuq l-iskorta ta' dan ir-ragunament l-appellant ma jistax jinstab hati ta' din l-akkuza.

Illi minn analizi tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta u specifikament fl-artikolu 2 wiehed isib id-definizzjoni ta':

---

[1] 'Dei Delitti e Delle Pene' Livomo, 1833, pp.S9-60.

"'servizzi ta' investigazzjoni privata" li tfisser il-ksib, bejgh jew provvista lil xi persuna ta' xi taghrif dwar:-

a. l-identita', il-kondotta, il-movimenti, fejn tkun, affiljazzjonijiet, assocjazzjonijiet, transazzjonijiet, reputazzjoni jew karattru ta', xi persuna jew korp ta' persuni;

b. il-background jew l-antecedenti ta' xi applikant ghal impieg;

c. stharrig dwar persuni jew proprjeta' mitlufa;

d. dannu jew hsara lil proprjeta';

e. il-prevenzjoni jew il-kxif ta' spjunagg industrijali;'

Din it-tifsira ssib ruha fil-korp tal-definizzjoni ta' "servizzi ta' gwardjani privati" fis-subinciz (i) li jghid testwalment " servizzi ta' investigazzjoni privata".

Illi jirrizulta li x-xoghol li kien qed jisvolgi l-appellant kien wiehed ta' 'servizz ta' investigazzjoni privata' fil-konfront ta' Patricia Pace. Dan ifisser illi skont il-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta l-appellant kellu jkollu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija skont din l-istess legislazzjoni. Ghalhekk, l-aggravju ta' l-appellant ma jistax jigi milqugh. Madankollu, din il-Qorti hi tal-fehma li l-appellant ghandu ragun li jilmenta li ma hemmx legislazzjoni 'ad hoc' biex ikopri din il-professjoni. Il-kuncett ta' "gwardjani privati u lokali" hu kompletament differenti minn dak ta' invesigatur privat. Ta' dan ser jittiehed kont fl-erogazzjoni tal-piena fil-konfront ta' l-appellant.

Illi l-aggravji l-ohra li l-appellant qed jilmenta jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti.

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta’ l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F’dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:

Ir-Repubblika ta’ Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta’ Frar, 1989;

Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta’ Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta’ Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta’ Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta’ April, 1995; u
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta’ Novembru, 1995; kollha appelli kriminali.

Illi din il-Qorti fliet fir-reqqa l-atti kollha ta' dan l-appell u fil-fehma taghha l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni ragonevoli u legali tal-fatti ta' dan il-kaz. Ghalhekk, ma tarax il-htiega li tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmula minn dik il-Qorti.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tichad l-appell ta' l-appellant Oliver Abela u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha. Ghal dak li tirrigwarda l-piena, tikkonferma wkoll il-piena nflitta ghajr li thassar u tirrevoka l-multa nflitta ta' tlett mitt euro u minflok tikkundanna lill-appellant Oliver Abela li jhallas multa ta' mitt euro.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------